MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 2/1996/2

**Fl-atti tac-cedola 72/95 prezentata fil-Qorti tal-Kummerc fl-4 ta’ April 1995 fl-ismijiet:-**

**Joseph Mifsud fil-kummerc bin il-mejtin Paolo u Concetta nee Grima imwieled u joqghod Zebbug u martu Maria Assunta Mifsud bin il-mejtin Michael Azzopardi u Dolores nee Zahra imwielda Qormi u toqghod Zebbug**

**vs**

**Sidney Joslin ghan-nom u in rappresentenza ta’ Andrews Feeds (Malta) Limited**

**vs**

**Paul Cutajar**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tas-socjeta' Bank of Valletta Limited ghall-ftuh ta' konkors ta' kredituri ta' Paul Cutajar fejn gie premess:-

Illi fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti gia Qorti tal-Kummerc, fl-atti tac-cedola ta' depositu numru 72/95 fl-ismijiet Joseph Mifsud et vs Sidney Joslin noe vs Paul Cutajar tinstab depositata s-somma ta' sitt elef u wiehed u hamsin liri Maltin (LM6051) provenjenti minn bejgh b'subasta tal-flat numru hamsa (5) fi blokk maghruf bhala Carina Flats f'Upper Bugibba Street, Bugibba.

Illi permezz ta' rikors presentat fil-15 ta' Mejju 1995, is-socjeta' rikorrenti talbet l-izbank tas-somma sitt elef u wiehed u hamsin liri maltin (Lm6051) bhala parti minn somma akbar dovuta lilha skond sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc tat-28 ta' April 1992 fl-ismijiet "Prokuratur Legali Joseph Zammit noe vs Paul Cutajar" fejn Paul Cutajar gie kundannat ihallas is-somma komplessiva ta' hamsin elf mija u wiehed u erbghin liri maltin disa u disghin centezmu u tlett millezmi (Lm50,141.99,3) kwantu ghal disa u erbghin elf mitejn u disa u tletin liri maltin, erba u disghin centezmu u hames millezmi (Lm49,239.94,5) sorte skond kopja tas-sentenza hawn annessa u markata DOK "A", u kwantu ghal disa mija u zewg liri maltin erba centezmi u tminn millezmi (Lm902.048) spejjes tal-kawza skond l-annessa taxxa markata DOK "B" flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1991 sad-data tal-pagament effettiv.

Illi dan il-kreditu huwa munit b' ipoteki numru I5518/1982 u I10096/1988 li kopji taghhom huma hawn annessi u markati Dok "C" u "D" rispettivament.

Illi fuq l-imsemmi depozitu konkorrew kredituri ohra u ghalhekk il-Qorti baqghet ma ordnatx l-izbank mitlub.

Ghalhekk il-bank rikorrenti qed jitlob li, a tenur tal-artikolu 416 tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili, tigi ordnata l-apertura ta' konkors ta' kredituri fuq l-istess wara li tghati l-opportuni provvedimenti rigward il-pubblikazzjoni relattiva u affarijiet ohra konnessi.

Rat l-atti kollha u d-dokumenti esibiti.

Ikkonsidrat

Fl-ewwel lok tirrileva li, fil-process, hemm atti li jappartjenu lill-rikors iehor u cioe r-rikors numru 1/96. Dawn l-ahhar atti m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-presenti proceduri.

F'dan ir-rikors il-bank rikorrenti qed jitlob li skond il-provedimenti rilevanti tal-ligi jigi ordnat li jinfethu l-proceduri ta' konkors tal-kredituti tad-debitur Paul Cutajar.

Jidher li in effett il-konkors tal-kredituri tal-imsemmi debitur saru u dawn l-istess proceduri gew finalment decizi b'digriet tal-24 ta'Mejju 2005. Ir-rikors promotur ghar-rigward tal-konkors kien igib in-numru 1/96GCD fl-ismijiet "Konkors tal-Kredituri ta' Paul Cutajar." Hu ghalhekkk evidenti li l-meritu tar-rikors hu esawrit u konsegwentement l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-presenti rikors.

Spejjez kollha jithallsu mill-Bank rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------